C/2025/499

21.1.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11882 – STELLANTIS / BBVA / FCA FC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/499)

1. Fit-13 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Stellantis Financial Services Europe ("SFSE") (Franza), li tappartjeni

— għall-grupp Stellatis N.V. ("il-Grupp Stellantis") (in-Netherlands),

— Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A. ("BBVA", Spanja),

— FCA Compania Financiera S.A. ("FCA FC") (l-Arġentina).

BBVA u SFSE se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-FC.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— SFSE toffri soluzzjonijiet ta' finanzjament, prodotti tal-assigurazzjoni u soluzzjonijiet ta' mobbiltà permezz tas-sussidjarji tagħha u/jew il-kumpaniji ta' impriżi konġunti tal-istess proprjetà għall-marki Stellantis kollha. SFSE hija parti mill-Grupp Stellantis,

— BBVA hija l-kumpanija prinċipali tal-Grupp BBVA, fornitur ta' servizzi finanzjarji attiv globalment bil-kwartieri ġenerali f'Bilbao u Madrid, Spanja. BBVA prinċipalment toffri servizzi bankarji u hija attiva wkoll fil-ġestjoni tal-assi u fis-servizzi tal-assigurazzjoni. Minbarra s-suq domestiku tagħha fi Spanja, BBVA għandha preżenza qawwija fil-Kontinent Amerikan (l-Istati Uniti, il-Messiku u l-Amerika t'Isfel) u fit-Turkija,

— FCA FC hija impriża konġunta, li bħalissa hija miżmuma minn FCA Automobiles Argentina S.A. u minn Fidis SpA, li t-tnejn huma parti mill-Grupp Stellantis. Il-FCA FC bħalissa toffri servizzi finanzjarji għal ċerti karozzi bil-marka Stellantisa fl-Arġentina (Fiat, Jeep u Ram).

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża FCA huma dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi finanzjarji għal ċerti karozzi tal-marka Stellantis fl-Arġentina (Fiat, Jeep u Ram).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11882 – STELLANTIS / BBVA / FCA FC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË